# Hic et Ubique!

## Lill-Prof. P. Anastasju Cuschieri, f'għeluq il-ħamsin sena minn mewtu

Mill-knisja li ħabbejt u nsiġt b'tant qima
L-għanjiet tal-Karmnu u l-isbaħ poeżija,
Ħriġt l-aħħar darba u miegħek it-tislima
Ta' min rawwimt u għallimt dil-ħbiberija.

Ma ninsa qatt il-jum, il-ħeġġa, il-ħlewwa
Tal-ewwel darba meta bdejt turini
Indomm il-versi biex ingħaraf sewwa
L-oqsma li xettilt int, fejn ridt tmexxini.

Għalija tibqa' l-ferħ, il-lehma, il-ġibda
Għal dak li hu qaddis, il-ward tal-ġonna
Li int saqqejt u li kull sena jibda
Jiftaħ sabiħ fix-xahar minn tal-Madonna.

Ismek fuq l-art marbut b'Kelma Maltija
Fis-sema nktibt Poeta ta' Marija.

*Nota tal-awtur: Din il-poeżija nkitbet fil-mewt tal-Prof. Patri Anastasju Cuschieri O.C. S.Th., Mag., Ph.D., DD. (Greg) u kienet inqrat waqt il-funeral tiegħu fis-Santwarju tal-Karmnu.*